**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 264/2017

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Simon Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Simon Spiteri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 470763M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-gzejjer, f'Awwissu tal-2011, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

> B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu minn ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' madwar ghaxart elef Ewro (€10,000) ghad-dannu ta' Rodney Testa, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 550879M - *ai termini* tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> U aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikat, u *cioe'*, ha u zamm ghandu l-ammont

ta' madwar ghaxart elef Ewro (€10,000) ghad-dannu ta' Rodney Testa, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 550879M, *ai termini* tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar tard talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Mejju, 2017, fejn il-Qorti lliberat lill-imputat, Simon Spiteri, mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, sabitu hati tal-ewwel u t-tielet akkuza u kkundannatu ghal perijodu ta' sena prigunerija. *Inoltre*, u bis-sahha tal-Artikolu 532 u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-imputat ihallas lill-*Parte Civile*, Rodney Testa, s-somma ta' sebat elef u mitt Ewro (€7,100) fi zmien tlett snin.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Simon Spiteri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Gunju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja u tbiddel is-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti billi tiddikjara li r-rikorrenti ghandu jigi liberat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u subordinament li taghti sentenza iktar ekwa u gusta fil-konfront tal-appellant, dan dejjem taht dawk ic-cirkostanzi li jidhru xierqa lil din l-Onorabbli Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Simon Spiteri, huma s-segwenti w *cioe'*:-

L-appellant ma jaqbilx mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti dwar il-fatti billi thallew barra elementi ta' certu mportanza:

a. Meta xehdet il-*Parte Civile*, mument minnhom kien qal li l-arlogg *Rolex* kien inbiegh izda wara qal li kien zammu biex jirrangah.
b. Ir-rikorrenti kien imur lejn Tunez diversi drabi fuq xoghol.
c. Illi n-negozju li sar bejn il-*Parte Civile* u r-rikorrenti kien, bhal kull negozju iehor, attentat sabiex flimkien jaghmlu l-qliegh. Izda gara li n-negozju ma rnexxiex.
d. Tant hu hekk, li l-ammont intier li thallas ir-rikorrenti mill-*Parte Civile* kien ta' €11,000 – inkluz il-valur tal-*laptops*, u l-Ewwel Onorabbli Qorti stess ordnat li jithallas lura l-ammont ta' €7,100 – li juru elementi ta' dubju.
e. Illi ghalkemm hafna minn dak li ddikjarat l-Ewwel Onorabbli Qorti kien minnu, jibqa l-fatt li sabiex jissussistu l-akkuzi kollha jrid ikun hemm il-prova ta' truffa – u hawn m'ghandniex din il-prova. Kull ma ghandna huwa *business*

li ma rnexxiex. Ma hemmx jigifieri l-prova ta' ngann li huwa necessarju sabiex il-Prosekuzzjoni tirnexxi.

f. Subordinament, jekk din l-Onorabbli Qorti hija tal-fehma li l-ewwel sentenza ghandha tigi konfermata bhala htija, ghandha tinghata piena iktar ekwa ghaccirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fil-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti, l-appellant iressaq ilment uniku marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti billi jikkontendi illi meta sar il-ftehim bejnu u bejn il-parti leza dwar negozju prospettiv ma kienx hemm l-element tal-ingann, izda dan kien semplicement negozju li falla u ma irnexxiex.

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravju mqajjma, allura din il-Qorti tirribadixxi ghal darb'ohra illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti fl-ezercizzju li ghandha taghmel meta rinfaccjata b'dan l-aggravju li mhuwiex il-kompitu taghha dak li tirrimpjazza id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitat mill-Ewwel Qorti, izda ghandha taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx legalment u ragjonevolment gustifikata fil-konkluzjoni taghha.[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Issa f'dan il-kaz ma jidhirx li hemm wisq kontestazzjoni fuq il-fattispecje li wassal ghax-xilja tal-appellant, madanakollu l-appellant meta jirrinunzja ghal jedd tieghu ghas-silenzju jishaq illi l-ingann li huwa fil-qofol tar-reat tal-frodi huwa ghal kollox nieqes. Illi allura anke f'dan l-aspett din il-Qorti meta tigi biex tqies l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti meta din ghazlet li ma taghtix affidament lix-xiehda tal-appellant ghandha thares ir-regola stabbilita fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xiehda tal-imputat, fost ohrajn, 'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta`) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'. Dawn il-kriterji setghu jigu ben osservati mill-Ewwel Qorti li kellha x-xorti tisma' lill-appellant jixhed *viva voce*.

Illi allura din il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn fejn jirrizulta illi dak li xpruna lill-pulizija jixlu lill-appellant bl-akkuzi odjerni kienet kwerela datata l-24 ta' Awwissu 2011 maghmula minn certu Rodney Testa fejn allega li l-appellant Spiteri kien iffrodah fis-somma ta' madwar €10,000. Dan sehh meta l-appellant inducieh jidhol ghal negozju mieghu meta qallu li kien gie avvicinat minn terża persuna sabiex jixtri mill-hanut tal-parti leza, bl-isem ta' Technoworld, 'l fuq minn erba mitt apparat elettroniku u cioe' *notebook*, liema prodott allegatament kellu jintbagħat it-Tunezija mill-appellant. Fil-fatt Spiteri igieghel lil Testa jemmen illi huwa kellu xi kuntatti b'saħħithom fl-istess pajjiz ma' persuni li jokkupaw karigi gholja. Jidher illi l-appellant kien talab lill-kwerelant sabiex jipprovdilu l-ammont ta' elfejn u ħames mitt Euro sabiex ikun jista' imexxi n-negozjati meħtieġa barra minn Malta[2] u sussegwentement kien ukoll ingħata s-somma ulterjuri ta' €3550 sabiex dawn in-negozjati jitkomplew wara li kien ser jiżdied in-numru ta' *notebooks* li l-appellant kellu jipprovdi gewwa t-Tuneżija.[3]

---

[2] Folio 36 – ftehim bejn l-appellant u l-kwerelant datat l-24 ta' Lulju 2009.
[3] Folio 37 – ftehim bejn l-appellant u l-kwerelant datat t-2 ta' Ottubru 2009.

In oltre apparti dawn is-somom il-kwerelant kien ġieli għadda somom ohra ta' flus lill-appellant jew lill-ibnu, liema somom kien talabhomlu l-appellant, fosthom għal skopijiet personali.[4] Wara xi zmien Testa rrealizza illi ma kien immaterjalizza xejn minn-negozju prospettiv li offrielu l-appellant u allura beda jitlobu iroddlu l-flus lura. Madankollu, ghalkemm l-appellant qatt ma rrifjuta li jħallas lura l-flus mehuda minnu, huwa beda jqajjem sensiela ta' raġunijiet għalfejn dan il-pagament ma setax isir, inkluż mard kemm personali kif ukoll ta' membri tal-familja tiegħu, ragunijiet li l-parti leza jallega kienu ghal kollox inveritjieri.

L-appellant izda fix-xiehda tieghu quddiem il-Qorti jikkontendi illi dan n-negozju prospettiv li kien issugerixxa lil Testa ma kienx immaterjalizza u sfaxxa l-ftehim ta' bejniethom. Jgħid ukoll li huwa minnu li ma kienx ħallas lill-kwerelant is-somma dovuta lilu iżda saħaq ukoll li ma kellux jaghtih l-ammont kollu kif pretiż apparti li żied jgħid illi kien ghadda arlogg tad-ditta Rolex bħala garanzija li kien ser iħallsu l-flus lura. Il-parti leza jikkonferma fix-xiehda tieghu illi l-appellant kien ghaddielu dan l-arlogg, jishaq izda li dan inghata bhala pagament ta' parti mill-flus dovuti, liema arlogg gie minnu valutat ghal valur ta' bejn €1500 u €2000. Wara dan huwa biegh dan l-arlogg ghall-prezz ta' elf u tmien mitt Euro.

Illi minn provi ohra mismugha quddiem l-Ewwel Qorti irrizulta illi l-appellant qatt ma siefer lejn it-Tunezija, kif kien qed jallega mal-parti leza meta ighidlu li kellu bzonn isiefer sabiex imexxi in-negozju 'il quddiem. Mhux biss izda irrizulta wkoll li ma kienx minnu li huwa kellu xi kuntatt ma' nies b'kariga gholja fil-pajjiz kif jallega mal-istess Testa.

Ikkunsidrat,

Illi apparti l-addebitu tar-reċidiva, l-appellant gie misjub hati quddiem l-Ewwel Qorti tal-ewwel akkuza li fiha kien hemm ikkontemplat r-reat tal-frodi fit-termini ta'l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn l-elementi tar-reat, kif tajjeb imfassla mill-Ewwel Qorti jinkludu:

---

[4] Ara folio 40 sa 43 fejn hemm il-fotokopji taċ-ċekkijiet fl-ammonti rispettivi ta' €700 favur Warren Spiteri u datat it-2 ta' Ottubru 2009, €1200 favur Simon Spiteri u datat is-16 ta' Ottubru 2009, €500 favur Warren Spiteri u datat it-30 ta' Ottubru 2009 u €400 favur Warren Spiteri u datat il-25 ta' Lulju 2009 li lkoll flimkien jammontaw għas-somma komplessiva ta' €2600.

**" (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali.[5]"**

Illi allura dak li jsawwar ir-reat tal-frodi huwa mhux biss l-intenzjoni tal-awtur tar-reat li jittruffa lil vittma tieghu, izda dan irid isehh permezz tal-ingann li jigi adoperat permezz ta' raggiri jew 'l hekk imsejjah messa in xena. Dawn l-elementi gew superjorment esposti mill-Ewwel Qorti u allura a skans ta' repetizzjoni din l-Qorti taghmel taghha dawk il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali.

Ikkunsidrat:

Illi kif inghad l-appellant qieghed jikkontendi illi l-element tal-ingann huwa nieqes u allura r-reat ma jistax jissussisti. Jikkontendi ukoll illi l-ammont mghoddi lilu minn Testa kien jammonta ghall anqas mill-ghaxar t'elef ewro (€10,000) minnu pretizi. Jishaq illi n-negozju li kien hemm bejnu u bejn Testa kien wieħed ġenwin iżda li sfortunatament ma irnexxiex. Madankollu l-Qorti tistqarr minnufih illi, bhall-Ewwel Qorti qabilha, ma tistax taghti affidament lil dak mistqarr mill-appellant u dan ghaliex il-fatti probatorji jindikaw illi l-appellant holoq messa in xena shiha sabiex igieghel lil parti leza tghaddielu somma kbira ta' flus li jidher li iddispona minnha billi ftit taz-zmien wara ma kienx f'posizzjoni iroddha lura.

Jibda biex jingħad li skont l-appellant in-negozju li kellu gewwa t-Tunezija qatt ma ħa l-ispinta meħtieġa tant illi hu jallega li kien qed jiġri wara xi nies li setghu ighinuh u wara ħafna żmien, dejjem skont l-istess appellant wara li ħareġ mill-isptar,[6] hu ġie nfurmat li n-negozju ma kienx ser isir. Madankollu mit-tieni ftehim li sar bejn l-appellant u l-kwerelant u li jinstab eżebit in atti, jidher ċar illi f'temp ta' ftit xhur, mhux talli dan in-negozju ma kienx miexi 'l quddiem, izda skont l-istess appellant, l-ordni ta' l-fuq minn erba mitt *notebooks* żdiedet għal 'l fuq minn tlett elef fl-ammont. Dan ifisser allura illi meta sar dan it-tieni ftehim ghall-appellant kien diga' evidenti illi n-negozju ma kienx miexi sew stante kif ighid hu *ex admissis* dan in-negozju qatt ma mexa 'il quddiem kif kien qed jipprospetta. Illi allura anke jekk *gratia argomenti*

---

[5] Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar il-15 ta' Jannar 2015 - Pulizija vs Aaron Mizzi .

[6] Skont l-appellant Ġunju 2010.

kellu jinghata affidament lill-verzjoni tal-appellant xortawahda jirrizulta, minn dak mistqarr minnu stess, illi huwa baqa' jitlob il-flus minn ghand il-parti leza taht il-pretenzjoni illi l-ordni kienet ser tikber meta kien jaf li dan ma kienx minnu. Dan it-tieni ftehim juri wkoll diskrepanza oħra dwar l-ammont tal-flus mehuda minnu indebitament ghaliex ghalkemm l-appellant jistqarr illi kellu jagħti biss is-somma ta' elfejn u ħames mitt Ewro lill-parti leza, jidher illi f'dan l-istadju tan-negozjati huwa irceva somma addizzjonali ta' tlett elef ħames mija u ħamsin ewro oħra.

Ghalkemm jistqarr ukoll illi huwa qatt ma kien imur Tunez, u dan kif johrog mill-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, huwa kien ighid lil parti leza fit-telefonati li kienu jigu skambjati bejniethom li kien qieghed jattendi ghal xi laqgħa ġewwa Tunez marbuta mal-allegat negozju li kellu miegħu, biex b'hekk kien imbaghad jitolbu l-ħlas ta' aktar flus għat-tkomplija ta' dawn in-negozjati jew alternattivament bħala pjaċir għal skopijiet personali. Li l-appellant ma kienx siefer lejn Tuneż ġie ukoll kkonfermat mix-xhud Warren Spiteri, li xehed in difeża, li jistqarr li meta mar jiġbor iċ-ċekkijiet fuq ismu mingħand il-kwerelant, missieru kien qiegħed Malta.[7] Mhux biss izda Joseph Calleja li xehed in rappresentanza tal-Ufficju tal-Passaporti jikkonferma illi f'dan il-perijodu taz-zmien l-appellant kien mizmum milli jsiefer b'ordni tal-Qorti, u huwa talab permess biex isiefer darbtejn biss, darba lejn l-Ingilterra u darb'ohra lejn Parigi.

Illi skuza ohra li kien iqajjem l-appellant kienet marbuta ma' mard kemm ta' membri tal-familja kif ukoll tieghu stess u dan meta huma kienu jigu rikoverati l-isptar. Izda ukoll hawnhekk l-appellant jigi kontradett bix-xiehda ta' Sharon Young, Manager Medical records, gewwa l-isptar Mater Dei li tghid illi f'dan il-peirjdou taz-zmien l-appellant ma kienx rikoverat l-isptar.

Esposti dawn il-fatti probatorji ghalhekk l-Ewwel Qorti ghamlet sew meta ma tatx affidament lil verzjoni mogħtija mill-appellant u qieset dik tal-parti civile bhala wahda aktar verosimili. Dan huwa filfatt dak li wassal sabiex l-ewwel Qorti ssib ħtija fil-konfront tal-appellant ghar-reat tal-frodi billi huwa indubitat illi l-appellant holoq messa in xena shiha, kif inghad, dwar negozju prospettiv li, fil-verita', qatt ma kien

[7] Folio 114 et seq tal-atti proċesswali.

jezisti, ghaliex huwa jonqos ukoll u dan sal-grad mehtieg minnu fil-kamp penali li iressaq xi prova dwar l-esistenza ta' dan in-negozju ġewwa Tunez. Negozju li jinvolvi ammont kbir ta' flus ma jsirx biss telefonikament, kif jikkontendi konvenjentement l-appellant, izda certament ikun hemm xi prova ohra imqar dokumentali li abbazi tieghu jkun qed jigi imsejjes dak in-negozju. Tant hu hekk li, kif inghad, meta l-parti leza nduna b'dan l-ingann u allura l-appellant ġie mitlub jirrifondi l-flus mehuda minnu, huwa beda igib diversi skużi, inkluz ta' mard serju u familjari sabiex dawn il-pagamenti qatt ma jsiru biex b'hekk il-messa n'xena baqghet għaddejja.

Illi dan gie ammess mill-appellant stess ma' Rodney Testa, li ighid fix-xiehda tieghu illi wara li hu kkonfronta lill-appellant b'din il-gidba, dan stess ikkonferma li kien qed iġib l-iskużi sabiex ma jħallasx ghaliex flus biex iħallas ma kellux. Illi mill-ammont kollu dovut, jidher illi l-parti leza thallas biss is-somma ta' €1800 li huwa r-rikavat mill-bejgh tal-arlogg Rolex mghoddi lilu mill-appellant, sabiex b'hekk l-Ewwel Qorti wasslet biex ikkundannat lill-appellant jirrifondi lil parti leza il-bilanc li baqa' dovut.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biss biex jigi kkunsidrat l-aħħar gravam imressaq *in subsidium* dwar il-*quantum* tal-piena erogata mill-ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant. Illi l-appellant gie misjub hati kif inghad tar-reat imfassal fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fil-forma kontinwata tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva. Issa l-piena fiz-żmien tal-kummissjoni tar-reat kien ta' bejn seba' xhur sa sentejn ħabs, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 310 tal-Kodici Kriminali jiżdiedu l-parametri għal dawk ta' bejn tlettax il-xahar sa seba' snin ħabs, liema disposizzjoni tal-ligi madanakollu ma jidhirx li giet applikata mill-Ewwel Qorti. Dan ifisser illi l-piena erogata kienet wahda li tqarreb hafna lejn il-minimu assolut. In oltre minn harsa lejn l-fedina penali tal-appellant jidher illi hu kien gie misjub ħati diversi drabi ta' reati simili fejn ingħata diversi opportunitajiet mill-Qrati tagħna sabiex jirriforma ruħu, izda huwa xortawahda baqa' ghaddej fit-triq tal-kriminalita'. Illi allura maghmula dawn il-konsiderazzjoni

l-Qorti ma tara l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta ikkundannat lill-appellant ghal perijodu ta' sena prigunerija.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi t-terminu ta' tlett snin moghti mill-Ewwel Qorti fit-termini tal-artikoli 532 u 532A tal-Kodici Kriminali ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

Edwina Grima
Imhallef